VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,277, 9 ta' Lulju, 2014
Taqsima B

A.L. 239 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2014 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Project Management – M.Sc. Project Management - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2014 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Project Management – M.Sc. Project Management - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Project Management – M.Sc. Project Management -taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni, ippubblikati bħala Avviż Legali 223 tal-2013, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2014 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom:

(a) grad tal-ewwel ċiklu minn din l-Università miksub mill-inqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri f'dixxiplina relatata mal-Ambjent Mibni, l-Arkitettura, l-Inġinerija Ċivili jew Strutturali, il-Management, l-Ekonomija, l-Accountancy, il-Liġi jew l-Inġinerija; jew

(b) grad tal-ewwel ċiklu minn din l-Università miksub mill-inqas fit-Tielet Klassi bl-Unuri fid-dixxiplini msemmija fil-paragrafu (a) ta' dan l-ordinament, jekk ikollhom ukoll kwalifiki oħrajn jew għall-anqas 3 snin esperjenza f'xogħol rilevanti, miksuba wara l-grad tal-ewwel ċiklu. Id-dħul tal-applikanti skont dan l-ordinament għandu jkun suġġett għar-riżultati ta' valutazzjoni kif il-Bord jista' jqis xieraq; jew

(ċ) sħubija ma' istituzzjoni professjonali *chartered* rikonoxxuta fil-qasam tal-kostruzzjoni. Id-dħul tal-applikanti skont dan l-ordinament jista' jkun suġġett għar-riżultati ta' valutazzjoni kif il-Bord jista' jqis xieraq, iżda li tinkludi intervista; jew

(d) kwalifika meqjusa mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, bħala komparabbli għall-kwalifiki msemmija fil-paragrafi (a) u (b) ta' dan l-ordinament, partikolarment fejn l-applikant jista' juri li għandu mill-inqas 10 snin esperjenza fl-immaniġġjar fil-qasam tal-kostruzzjoni, Id-dħul tal-applikanti skont dan l-ordinament jista' jkun suġġett għar-riżultati ta' valutazzjoni kif il-Bord jista' jqis xieraq, iżda li tinkludi intervista.

(2) Il-bord tal-intervisti maħtur mill-Bord għandu jkun magħmul għall-inqas minn tliet persuni."